# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

IR-RABA' KTIEB TA' L-1936


## GĦALQET SENA OĦRA

u r-Rivista tagħna, "Il-Malti", għadha miexja f'saħħitha, mibruma u ħafifa bħalma kienet fl-ewwel snin ta' ħajjitha.

Tnax-il-xitwa — bir-riħ, bil-bard, bil-kesħa, — u tnax-il-rebbiegħa — bix-xmejxa, bid-difa, bil-ħeġġa, — għaddew fuqha u marru; iżda kull żmien ħalla wrajh il-ward tiegħu u l-frott tiegħu li għadu migbur u miżmum b'għożża kbira fil-Volumi ta' "Il-Malti".

U kemm għadu jfuħ dak il-ward, u kemm għadu bnin dak il-frott jixhduh mhux biss ħafna mill-pajżani tagħna, li aktar ma jgħaddu s-snin aktar ifittxuhom u u aktar iħobbuhom, iżda xi barranin ukoll — li minn dak li jidher għandhom imnifsejn tajba u palat f'siktu — li qegħdin ixittlu minnhom fil-ġonna tagħhom.

Ma ngħiduhx biex niftaħru, iżda fraħna meta għarafna li xi wardiet imnisslin minn dawn tagħna fetħu fi ġnien mill-isbaħ li haw' fid-dinja, ġnien mifrux fuq iż-żewġ xtajtiet ta' xmara kbira u sabiħa, fejn jiżgħed il-ward ta' waħda mill-ogħna u mill-isbaħ letteraturi li qatt ħaseb il-moħħ u ħadmet il-qalb tal-bniedem; u li xiħadd li jifhem fisser illi dawk il-wardiet ma għamlux għajb lill-ward ta' hemmhekk.

Fraħna, għaliex, jekk tfulija tajba u qawwija hi rahan ta' ħajja twila u fejjieda, dawn it-tnax-il-sena ta' "Il-Malti" huma wegħda sħiħa mhux biss ta'ward isbaħ u ta' frott ibnen fiż-żmien li ġej, iżda wkoll ta' xi wardiet u xi frottiet ġodda li fil-ġonna tagħna jew għadhom ma dehrux, inkella deħru mbiegħda.

U fraħna wkoll, għaliex wara tnax-il-sena ta' fehmiet tajba, ta' ħidma għalenija u ta' xewqat ta' riżq, il-Għaqda tista' fil-ħaqq u fis-sewwa taħseb u tgħid li waslet fejn għanha kien li tasal.